Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2121/98**

tat-2 ta' Ottubru 1998

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 u (KE) Nru 12/98 fir-rigward ta' dokumenti għall-ġarr tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 268, 3.10.1998, p. 10)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006

Emendat minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2121/98

tat-2 ta' Ottubru 1998

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 u (KE) Nru 12/98 fir-rigward ta' dokumenti għall-ġarr tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 tas-16 ta' Marzu 1992 dwar ir-regoli komuni għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank ([1]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 11/98 ([2]) u b'mod partikolari l-punt 3.4 ta' l-Artikolu 2 u l-Artikoli 5(4), 6(2), 11(5) u 13(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 12/98 tal-11 ta' Diċembru 1997 li jistabilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom ġarriera mhux residenti jistgħu jħaddmu servizzi nazzjonali ta' trasport fit-toroq fi Stat Membru ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6(2) u (3) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 12/98,

(1) Billi l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 684/92 jipprovdi li s-servizzi regolari u ċerti servizzi speċjali regolari għandhom ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni.

(2) Billi l-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament jgħid li servizzi okkażjonali għandhom filwaqt li jitwettqu jkunu koperti minn formola tal-vjaġġ.

(3) Billi l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament jipprovdi li l-ħidmiet tat-trasport bi spejjeż propji għandhom ikunu suġġetti għal sistema ta' ċertifikati.

(4) Billi għandhom jiġu stabbiliti wkoll regoli li jirregolaw l-użu tal-formola tal-vjaġġ imsemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament u l-mezz ta' komunikazzjoni ma' l-Istati Membri konċernati, ta' l-ismijiet tal-ġarriera li jagħmlu dawk is-servizzi u l-waqfiet waqt il-vjaġġ.

(5) Billi l-Kumissjoni addottat ir-Regolament (KEE) Nru 1839/92 ta' l-1 ta' Lulju 1992 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 684/92 dwar id-dokumenti għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri ([4]), kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja; billi dak ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2944/93 ([5]) biex jiġu standardizzati, għal raġunijiet ta' sempliċità, id-dokumenti ta' kontroll għal servizzi mekkuk bl-akkomodazzjoni u għal servizzi okkażjonali.

(6) Billi r-Regolament (KE) Nru 11/98 abolixxa l-kunċett tas-servizz mekkuk u ssimplifika d-definizzjoni ta' servizzi okkażjonali billi abolixxa l-konċett ta' servizzi okkażjonali residwi.

(7) Billi huwa meħtieġ li tiġi standardizzata, għal raġunijiet ta' sempliċità, il-formola tal-vjaġġ għas-servizzi okkażjonali internaz-

([1]) ĠU L 74, ta' l-20.3.1992. p. 1.
([2]) ĠU L 4, tat-8.1.1998. p. 1.
([3]) ĠU L 4, tat-8.1.1998. p. 10.
([4]) ĠU L 187, tas-7.7.1992. p.5.
([5]) ĠU L 266, tas-27.10.1998. p. 2.

▼B

zjonali u għas-servizzi okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ kif provdut fir-Regolament (KE) Nru 12/98.

(8) Billi l-formola tal-vjaġġ użata bħala dokument ta' kontroll fl-istruttura tas-servizzi regolari speċjali fil-forma ta' kabotaġġ għandha tkun mimlija fil-forma ta' dikjarazzjoni mensili.

(9) Billi, għal raġunijiet ta' trasparenza u sempliċità, id-dokumenti abbozz kollha stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 1839/92 għandhom jiġu adattati għall-istrutttura regolatorja l-ġdida applikabbli għas-servizzi internazzjonali bil-kowċ u bix-xarabank u dak ir-Regolament għandu jiġi sostitwit bir-Regolament preżenti.

(10) Billi l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jistampaw u jqassmu d-dokumenti l-ġodda.

(11) Billi fil-frattemp il-ġarriera għandhom ikunu jistgħu jkomplu jużaw id-dokumenti li għalihom hemm provdut bir-Regolament (KEE) Nru 1839/92 u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2454/92 ([1]), emendati bix-xieraq fejn meħtieġ sabiex jagħtu kas tar-Regolamenti (KEE) Nru 684/2 u (KE) Nru 12/98,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IL-KAPITOLU 1

ID-DOKUMENT TAL-KONTROLL - IL-FORMOLA TAL-VJAĠĠ

L-Artikolu 1

1. Id-dokument ta' kontroll - il-formola tal-vjaġġ għas-servizzi okkażjonali msemmija fil-punt 3.1 ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 684/92 għandu jikkonforma ma' l-abbozz fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

2. Id-dokument tal-kontroll - il-formola tal-vjaġġ għas-servizzi okkażjonali msemmija fil-punt 3 ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 12/92 għandu jikkonforma ma' l-abbozz fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-formoli tal-vjaġġ għandhom ikunu f'kotba ta' 25 formola, duplikati, u distakkabbli. Kull ktieb għandu jkollu numru. Il-formoli għandhom ikunu ukoll numerati mill-1 sal 25. Il-qoxra tal-ktieb għandha tikkonforma ma' l-abbozz fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jaddattaw dawn il-ħtiġiet ma' l-ipproċessar kompjuterizzat tal-formoli tal-vjaġġ.

L-Artikolu 2

1. Il-ktieb li għalih hemm provdut fl-Artikolu 1(3) għandu jinħareġ f'isem il-ġarrier; dan ma jistax jiġi trasferit

2. Il-formola tal-vjaġġ għandha tiġi mimlija b'mod li tinqara b'ittri li ma jitħassrux, b'sistema dupliċi, jew mill-ġarrier jew mis-sewwieq għal kull vjaġġ qabel it-tluq. Din għandha tkun valida għall-vjaġġ kollu kemm hu.

3. Il-kopja ta' fuq tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-veikolu matul il-vjaġġ kollu li għalih tkun tirriferixxi. Il-kopja għandha tinżamm fil-bażi tal-kumpannija.

4. Il-ġarrier għandu jkun responsabbli milli jżomm il-formoli tal-vjaġġ.

([1]) ĠU L 251, tad-29.8.1992. p. 1.

▼B

L-Artikolu 3

Fil-każ ta' servizz internazzjonali okkażjonali pprovdut minn grupp ta' ġarriera li jkunu jaġixxu f'isem ta' l-istess kuntrattur, u li jistgħu jinkludu l-vjaġġaturi li jkunu sejrin jaqbdu konnessjoni waqt il-vjaġġ ma' ġarrier differenti ta' l-istess grupp, l-oriġinal tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-veikolu li jkun qiegħed jagħmel is-servizz. Kopja tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fil-bażi ta' kull ġarrier.

L-Artikolu 4

1. Il-kopji tal-formoli tal-vjaġġ li jkunu ġew użati bħala dokument ta' kontroll għal servizzi okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 12/98 għandhom jiġu rritornati mill-ġarrier lill-awtorità jew lill-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru ta' l-istabbiliment skond il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità jew mill-aġenzija.

2. Fil-każ ta' servizzi regolari speċjali fil-forma ta' kabotaġġ skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 12/98, il-formola tal-vjaġġ kif tidher fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament għandha tiġi mimlija fil-forma ta' dikjarazzjoni mensili u rritornata mill-ġarrier lill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru ta' l-istabbiliment b'konformità mal-proċeduri stabbiliti minn dik l-awtorità jew l-aġenzija.

L-Artikolu 5

Il-formola tal-vjaġġ għandha tagħmel lid-detentur kapaċi, fil-kors tas-servizz okkażjonali internazzjonali, li jagħmel eskursjonijiet lokali fi Stat Membru għajr dak li fih il-ġarrier ikun stabbilit, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 684/92. L-eskursjonijiet lokali għandhom jiddaħħlu fil-formola tal-vjaġġ mit-tluq tal-vetturi għall-eskursjoni konċernat. L-oriġinal tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fil-veikolu sakemm iddum l-eskursjoni lokali.

L-Artikolu 6

Id-dokument tal-kontroll għandu jiġi ppreżentat lil kull uffiċjal tal-liġi malli jintalab.

IL-KAPITOLU II

L-AWTORIZZAZZJONIJIET

L-Artikolu 7

1. L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għal servizzi regolari u għal servizzi regolari speċjali suġġetti għall-awtorizzazzjoni għandhom jikkonformaw ma' l-abbozz fl-Anness III.

2. L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandu jkun fihom din l-informazzjoni segwenti:

(a) skeda tal-ħinijiet;

(b) rati tal-ħlas;

(ċ) kopja awtentikata tal-liċenzja Komunitarja għal ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank għall-kiri jew kumpens kif provdut fl-Artikolu 3a tar-Regolamnent (KEE) Nru 684/92;

(d) l-informazzjoni dwar it-tip u l-volum tas-servizz li l-applikant ikun qiegħed jippjana li jipprovdi, fil-każ ta' applikazzjoni biex joħloq

▼B

servizz - jew li għandu jiġi provdut, fil-każ ta' applikazzjoni għal tiġdid ta' awtorizzazzjoni;

(e) mappa ta' skala xierqa, li fuqha jkun hemm immarkata r-rotta u l-postijiet ta' waqfien fejn għandhom jitrikkbu jew jitniżżlu l-pasiġġieri ;

(f) skeda tas-sewqan li tkun tippermetti verifika tal-konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ.

3. L-applikanti għandhom jipprovdu kull informazzjoni ulterjuri li huma jikkunsidraw li tista' tkun rilevanti jew li tintalab mill-awtorità ta' ħruġ bħala appoġġ għall-applikazzjoni.

L-Artikolu 8

1. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' l-abbozz fl-Anness IV.

2. Kull veikolu li jwettaq servizz li jkun suġġett għal awtorizzazzjoni għandu jkollu fuqu awtorizzazzjoni jew kopja ċċertifikata mill-awtorità ta' ħruġ.

IL-KAPITOLU III

IĊ-ĊERTIFIKATI

L-Artikolu 9

1. Iċ-ċertifikati għal ħidmiet ta' trasport indipendenti kif definiti fil-punt 4 ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 684/92 għandhom ikunu jikkonformaw ma' l-abbozz fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

2. L-intrapriżi li jitolbu ċertifikat għandhom jipprovdu lill-awtorità ta' ħruġ b' evidenza jew assigurazzjoni li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt 4 ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 684/92 jkunu ġew issodisfati.

3. Kull veikolu li jagħmel servizz li jkun suġġett għal sistema ta' ċertifikati għandu jkollu fuqu, sakemm idum il-vjaġġ, ċertifikat jew kopja awtentikata, li għandha tiġi ppreżentata lill-uffiċjali tal-liġi malli din tintalab.

4. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi sa massimu ta' ħames snin.

IL-KAPITOLU IV

IL-KOMUNIKAZZJONI TAD-*DATA* STATISTIKA

L-Artikolu 10

Id-*data* dwar ħidmiet tat-trasport bil-kabotaġġ imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 12/98 għandhom jiġu kkomunikati f'forma tabularja b'konformità ma' l-abbozz fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

IL-KAPITOLU V

ID-DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI

L-Artikolu 11

Ir-Regolament (KEE) 1839/92 għandu jiġi revokat b'seħħ mill-31 ta' Diċembru 1999.

▼B

L-Artikolu 12

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu tal-formoli tal-vjaġġ, l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjonijiet u ċ-ċertifikati li jsiru b'konformità mar-Regolament (KEE) Nru 1839/92 u mar-Regolament (KEE) Nru 2454/92 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999, sakemm dawn jiġu emendati, b'mod leġibbli, li ma jitħassarx u xieraq sa fejn ikun meħtieġ, biex ikunu jikkonformaw mar-Regolamenti (KEE) Nru 684/92, (KE) Nru 12/98 u ma' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri l-oħra għandhom jaċċettaw dawk id-dokumenti fit-territorju tagħhom sal-31 ta' Diċembru 1999.

L-Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jimplimentaw dan ir-Regolament u jinformaw immedjatament lill-Kumissjoni dwaru.

L-Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika mill-11 ta' Diċembru 1998, minbarra għall-Artikoli 1(2), 4 u 10, li għandhom japplikaw mill-11 ta' Ġunju 1999.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS I

MT **IL-FORMOLA TAL-VJAĠĠ – MUDELL** **NRU**.....

(karta hadra ċara – A4)

SERVIZZI INTERNAZZJONALI OKKAŻJONALI U SERVIZZI OKKAŻJONALI FIL-FORMA TA' KABOTAĠĠ

(Kull punt, jekk ikun hemm bżonn, jista' jiġi ssuppli mentat fuq folja separata)

1	Numru ta' reġistrazzjoni tal-kowċ	Post, data u firma tal-ġarrier
2	Ġarrier u, fejn ikun addattat, subkuntrattur jew grupp ta' ġarrieri	1 ..... 2 ..... 3 .....
3	Isem tax-xufier(a)	1 ..... 2 ..... 3 .....
4	Organizzazzjoni jew persuna responsabbli mis-servizz okkażjonali	1 ..... 3 ..... 2 ..... 4 .....
5	**Tip ta' servizz**	☐ Servizz okkażjonali internazzjonali ☐ Servizz okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ ☐ Servizzi regolari speċjali fil-forma ta' kabotaġġ – dikjarazzjoni ta' kull xahar Xahar ..... Sena .....
6	Post ta' tluq tas-servizz	Pajjiż .....
	Post tad-destinazzjoni tas-servizz	Pajjiż .....

7

Vjaġġ	Rotta/Taqsimiet tar-rotta ta' kuljum u/jew postijiet ta' ġbir u ta' nżul tal-passiġġieri				Km mbassra
Dati	Minn	Sa	numru ta' passiġġieri	vojta (immarka b' X)	
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....	.....

8

Postijiet ta' fejn jitlaqa', jekk ikun hemm, ma' ġarrier ieħor fl-istess grupp	Numru ta' passiġġieri mnizzlin	Destinazzjoni finali tal-passiġġieri mnizzlin	Nru ta' passiġġieri
.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....

9 **Eskursjonijiet lokali**

Data	Km mbassra	Post ta' tluq	Post ta' eskursjoni	Nru ta' passiġġieri
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....
.....	.....	.....	.....	.....

10 **Bidliet mhux imbassra**

.....

.....

▼B

L-ANNESS II

Il-qoxra

(Karta – A4)

Ghandha tiġi ffurmulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-ġarrier ta' l-istabbiliment

L-ISTAT TA' ĦRUĠ
– Is-sinjal distintiv internazzjonali – (1)

L-awtorità kompetenti

.....

KTIEB Nru. ...

tal-formoli tal-vjaġġ:

(a) **għal servizzi internazzjonali okkażjonali bil-kowċ u bix-xarabank bejn l-Istati Membri, maħruġin fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 684/92**

(b) **għas-servizzi okkażjonali bil-kowċ u bix-xarabank fil-forma ta' kabotaġġ li jsiru fl-Istat Membru li ma jkunx dak li fih il-ġarrier ikun stabbilit, maħruġin fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 12/98**

għal .....
(Kunjom u isem jew isem kummerċjali tal-ġarrier)

.....

.....
(Indirizz sħiħ, numru tat-telefon u fax)

.....
(Il-post u d-data tal-ħruġ)

.....
(Il-firma u t-timbru ta' l-awtorità jew l-aġenzija tal-ħruġ)

(1) L-Awstrija (A), il-Belġju (B), id-Danimarka (DK), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Greċja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), il-Lussemburgu (L), l-Olanda (NL), il-Portugall (P), Spanja (E), l-Isvezja, ir-Renju Unit (UK) ▶(1), ir-Repubblika Ċeka (CZ), l-Estonja (EST), Ċipru (CY), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), l-Ungerija (H), Malta (M), il-Polonja (PL), is-Slovenja (SLO), is-Slovakkja (SK), ◀ ▶(2) (BG) Bulgaria, (RO) Romania.◀

▶(1) **A1**

▶(2) **M1**

▼B

It-tieni paġna

Għandha tiġi ffurmulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-ġarrier ta' l-istabbiliment

Avviż importanti

A. ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI KOMUNI GĦAS-SERVIZZI OKKAŻJONALI INTERNAZZJONALI U S-SERVIZZI INTERNAZZJONALI F'FORMA TA' KABOTAĠĠ

1. L-Artikoli 11(1) u 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 684/92 u ta' l-Artikolu 6(1) (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 12/98 jgħidu li s-servizzi okkażjonali għandhom jitwettqu koperti mid-dokument tal-kontroll - il-formola tal-vjaġġ.

2. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti jiddefinixxu s-servizzi okkażjonali bħala "servizzi li ma jaqgħux fid-definizzjoni ta' servizzi regolari, li jinkludu servizzi regolari speċjali, u li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun dik li jġorru gruppi kostitwiti fuq l-inizjattiva ta' klijent jew tal-ġarrier innifsu".

   Is-servizzi regolari huma "servizzi għall-ġarr tal-passiġġieri f'intervalli speċifiċi matul rotot speċifiċi, bil-passiġġieri jitnikkbu u jitniżżlu f'waqfiet prestabbiliti. Is-servizzi regolari għandhom ikunu miftuħa għal kulħadd, u suġġetti, fejn ikun il-każ, għal prenotazzjoni obbligatorja".

   In-natura regolari tas-servizz ma tiġix effettwata minn kwalunkwe aġġustament tal-kondizzjonijiet ta' l-operat tas-servizz.

   Is-servizzi, huma min huma l-organizzaturi, li jipprovdu l-ġarr ta' kategoriji speċifiċi ta' passiġġieri bl-esklużjoni ta' passiġġieri oħra, safejn dawn is-servizzi jiġu operati skond il-kondizzjonijiet speċifikati f'1.1, għandhom jitqiesu bħala servizzi regolari. Dawn is-servizzi jissejħu "servizi regolari speċjali".

   Is-servizzi regolari speċjali jinkludu:

   (a) il-ġarr ta' ħaddiema bejn id-dar u x-xogħol;

   (b) il-ġarr lejn u minn istituzzjoni edukattiva għat-tfal ta' l-iskola u l-istudenti;

   (ċ) il-ġarr ta' suldati u l-familji tagħhom bejn l-istat ta' l-oriġni u ż-żona fejn ikunu l-kwartieri tagħhom.

   Il-fatt li servizz speċjali jista' jkun varjat skond il-bżonnijiet ta' l-utenti magħandux jaffettwa l-klassifikazzjoni tiegħu bħala servizz regolari."

3. Il-formola tal-vjaġġ għandha tkun valida għall-vjaġġ kollu kemm hu.

4. Il-liċenzja Komunitarja u l-formola tal-vjaġġ jintitolaw lid-detentur biex jagħmel:

   (a) servizzi internazzjonali okkażjonali bil-kowċ u bix-xarabank bejn żewġ Stati Membri jew aktar;

   (b) is-servizzi okkażjonali taħt sura ta' kabotaġġ fl-Istat Membru għajr dak li fih ikun stabbilit il-ġarrier.

5. Il-formola tal-vjaġġ għandha tkun mimlija b'mod dupliċi, jew mill-garrier inkella mis-sewwieq qabel il-bidu ta' kull servizz. Il-kopja tal-formola tal-vjaġġ għandha tibqa' fl-intrapriża. Is-sewwieq għandu jżomm l-oriġinal fil-veikolu matul il-vjaġġ u jippreżentah meta jiġi mitlub minn uffiċjali tal-liġi.

6. Is-sewwieq għandu jirritorna l-formola tal-vjaġġ lill-intrapriża li tkun tathielu fit-tmiem tal-vjaġġ imsemmi. Il-ġarrier għandu jkun responsabbli milli jżomm il-formoli tal-vjaġġ. Dawn għandhom jiġu mimlija b'mod leġibbli u li ma jitħassarx.

▼B

It-tielet paġna.

B. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL SERVIZZI INTERNAZZJONALI OKKAŻJONALI

1. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(3.1) tar-Regolament (KEE) Nru 684/92 jgħid li l-organizzazzjoni tas-servizzi paralleli jew temporanji komparabbli mas-servizzi regolari eżistenti u li jaqdu lill-istess klijentela bħal ta' l-aħħar għandhom ikunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni.

2. Il-ġarriera jistgħu jagħmlu eskursjonijiet lokali fl-Istati Membri għajr dak li fih ikunu stabbiliti fil-każ ta' servizzi okkażjonali internazzjonali. Eskursjonijiet lokali ta' din ix-xorta għandhom ikunu intiżi esklussivament għal passiġġieri mhux residenti li qabel ikunu ġew trasportati mill-istess ġarrier fl-istruttura ta'servizz okkażjonali internazzjonali. Dawn għandhom ikunu trasportati fl-istess veikolu jew f'veikolu li jkun jappartieni lill-istess ġarrier jew grupp ta' ġarrieri.

3. Fil-każ ta' eskursjonijiet lokali, il-formola tal-vjaġġ għandha timtela qabel it-tluq tal-veikolu għall-eskursjoni msemmija.

4. Fil-każ ta' servizz internazzjonali okkażjonali pprovdut minn grupp ta' ġarrieri li jkunu jagixxu f'isem l-istess klijent, u li jistgħu jinkludu l-passiġġiera li jkunu sejrin jaqbdu konnessjoni waqt il-vjaġġ ma' ġarrier differenti ta' l-istess grupp, l-oriġinal tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-veikolu li jkun qiegħed jagħmel is-servizz. Kopja tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fil-bażi ta' kull ġarrier konċernat.

Ċ. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL SERVIZZI OKKAŻJONALI FIL-FORMA TA' KABOTAĠĠ

1. Is-servizzi okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ għandhom ikunu suġġetti, minbarra kif mod ieħor provdut fil-leġislazzjoni Komunitarja, għal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi li jkunu fis-seħħ fl-Istat Membru ospiti fis-setturi li ġejjin:

   (a) rati u kondizzjonijiet li jiggwidaw il-kuntratt tat-trasport;

   (b) il-piżijiet u l-qisien tal-vetturi tat-triq. Dawn il-piżijiet u l-qisien jistgħu, fejn ikun xieraq, jiskorru dawk applikabbli fl-Istat Membru fejn il-ġarrier ikollu l-istabbiliment, iżda taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jiskorru l-piżijiet u l-qisien stabbiliti fiċ-ċertifikat tal-konformità;

   (ċ) il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġarr ta' ċerti kategoriji ta' passiġġieri, viz. it-tfal ta' l-iskola, it-tfal u l-persuni b'mobilità mnaqqsa;

   (d) il-perjodi tas-sewqan u l-mistrieħ;

   (e) it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq is-servizzi tat-trasport. F'dan il-qasam, l-Artikolu 21(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388 /KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq id-dħul - is-sistema komuni tat-taxxa tal-valur miżjud: bażi jew stima uniformi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/95/KE [2], għandha tapplika għas-servizzi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

2. In-normi tekniċi għall-kostruzzjoni u t-tagħmir li l-vetturi użati għall-ġarr f'ħidmiet tat-trasport bil-kabotaġġ għandhom jissodisfaw għandhom ikunu dawk stabbiliti għall-vetturi li jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fit-trasport internazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali hawn fuq imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għal garriera mhux residenti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk applikati fuq iċ-ċittadini tagħhom, biex jevitaw effettivament kwalunkwe diskrimanzzjoni fil-berah jew mohbija fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew lokal fejn ikun l-istabbiliment.

4. Fil-każ ta' servizz okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ il-formoli tal-vjaġġ għandhom jiġu rritornati mill-ġarrier lill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru ta' l-istabbiliment skond il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità jew mill-aġenzija [3].

5. Fil-każ ta' servizz okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ il-formoli tal-vjaġġ għandhom jimtlew fil-forma ta' dikjarazzjoni mensili u jiġu rritornati mill-ġarrier lill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru ta' l-istabbiliment skond il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità jew mill-aġenzija .

---

[1] ĠU L 145, tat-13.6.1977. p. 1.
[2] ĠU L 338, tat-28.12.1996. p. 89.
[3] L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jżidu mal-punt 4 id-dettalji ta' l-aġenzija responsabbli mill-ġbir tal-formoli tal-vjaġġ u l-proċedura biex tintbagħat l-informazzjoni.

▼B

L-ANNESS III

Il-qoxra

(Karta bajda – A4)

Għandha tiġi ffurmulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-ġarrier ta' l-istabbiliment

L-APPLIKAZZJONI (1)

BIEX WIEĦED JIBDA SERVIZZ REGOLARI ☐

BIEX WIEĦED JIBDA SERVIZZ REGOLARI SPEĊJALI (2) ☐

BIEX WIEĦED IĠEDDED L-AWTORIZZAZZJONI GĦAL SERVIZZ ☐

li jsir bil-kowċ u bix-xarabank bejn l-Istati Membri skond ir-Regolament (KEE) Nru 684/92

għal: .....
(L-awtorità kompetenti)

1. Il-kunjom u l-isem jew in-negozju ta' l-applikant u, fejn ikun il-każ, tal-ġarrier maniġerjali fil-każ ta' assoċjazzjoni *(pool)* .....

   .....

   .....

2. Is-servizz(i) li jsir(u) (1)
   minn impriża ☐ bħala membru ta' assoċjazzjoni (pool) ☐ bħala sotto-kuntrattur ☐

3. Ismijiet u indirizzi tal-ġarrier, tal-ġarrier(a) assoċjat(i) jew tas-sotto-kuntrattur(i) (3) (4)

   3.1 ..... tel .....

   3.2 ..... tel .....

   3.3 ..... tel .....

   3.4 ..... tel .....

(1) Immarka jew imla kif ikun il-każ.
(2) Is-servizzi speċjali regolari mhux koperti minn kuntratt bejn l-organizzatur u l-ġarrier.
(3) Indika f'kull każ jekk il-persuna konċernata tkunx membru jew le ta' assoċjazzjoni jew tkunx sotto-kuntrattur.
(4) Ehmeż il-lista jekk ikun il-każ

▼B

(It-tieni paġna ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni)

4. Fil-każ ta' servizz regolari speċjali:

4.1 Il-kategorija tal-passiġġieri: .....

5. It-tul ta' żmien li għalih l-awtorizazzjoni tkun mitluba jew id-data li fiha jintemm is-servizz:

.....

.....

.....

6. Ir-rotta prinċipali tas-servizz (issottolinja l-postijiet mnejn jitrikkbu l-passiġġieri):

.....

.....

.....

.....

7. Il-perjodu tal-ħidma:

.....

.....

.....

8. Il-frekwenza (kuljum, kull ġimgħa, eċċ.): .....

9. Ir-rati tal-ħlas: ..... L-Anness mehmuż

10. Inkludi magħhom skeda tas-sewqan li tkun tippermetti verifika tal-konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ

11. L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet jew ta' kopji ta' l-awtorizzazzjonijiet mitluba ([1]):

.....

12. Kwalunkwe informazzjoni oħra:

.....

.....

.....

13. ....
(Il-post u d-data) (Il-firma ta' l-applikant)

([1]) L-applikant għandu jinnota l-fatt li, billi l-awtorizzazzjoni għandha tinżamm fuq il-vettura, in-numru ta' l-awtorizzazzjonijiet li l-applikant jista' jkollu għandu jikkorrispondi man-numru ta' vettura meħtieġa biex isir is-servizz mitlub fl-istess ħin.

▼B

(it-tielet paġna ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni)

Avviż importanti

1. Dan li ġej għandu jiġi meħmuż ma' l-applikazzjoni, kif ikun meħtieġ:

   (a) l-iskeda tal-hinijiet;

   (b) ir-rati tal-ħlas;

   (ċ) kopja awtentikata tal-liċenzja Komunitarja għall ġarr internazzjonali tal-pasiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank għall-kiri jew kumpens kif provdut fl-Artikolu 3a tar-Regolamnent (KEE) Nru 684/92;

   (d) l-informazzjoni dwar it-tip u l-volum tas-servizz li l-applikant fi ħsiebu jipprovdi fil-każ ta' servizz ġdid, jew li ġie provdut fil-każ ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni;

   (e) mappa ta' skala xierqa, li fuqha jkun hemm immarkata r-rotta u l-postijiet tal-waqfiet fejn il-pasiġġieri sa jitrikkbu jew jitniżżlu;

   (f) skeda ta' sewqan li tkun tippermetti verifika tal-konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ.

2. L-applikanti għandhom jipprovdu kull informazzjoni ulterjuri li huma jikkunsidraw li tista' tkun rilevanti jew li tintalab mill-awtorità li qed tawtorizza.

3. L-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KEE) Nru 684/92 jgħid li dawn is-servizzi li ġejjin huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni:

   (a) is-servizzi regolari, is-servizzi tal-ġarr tal-passiġġieri f'intervalli speċifiċi matul rotot speċifiċi, bil-passiġġieri jitrikkbu u jitniżżlu f'waqfiet predeterminati. Is-servizzi regolari għandhom ikunu miftuħa għal kulħadd, u suġġetti, fejn ikun il-każ, għal prenotazzjoni obbligatorja. In-natura regolari tas-servizz ma tiġix effettwata minn kwalunkwe aġġustament fil-kondizzjonijiet ta' l-operat tas-servizz.

   (b) is-servizzi speċjali regolari mhux koperti minn kuntratt bejn l-organizzatur u l-ġarrier. Is-servizzi, huwa minn min huwa l-organizzatur, li jipprovdu l-ġarr ta' kategoriji speċifiċi ta' passiġġieri bl-esklużjoni ta' passiġġieri oħra, sa fejn dawn is-servizzi jiġu mħaddmin skond il-kondizzjonijiet speċifikati f'1.1., għandhom jitqiesu bħala servizzi regolari. Dawn is-servizzi jissejħu "servizzi regolari speċjali". Is-servizzi regolari speċjali jinkludu:

      (i) il-ġarr tal-ħaddiema bejn id-dar u x-xogħol;

      (ii) il-ġarr lejn u mill-istituzzjoni edukattiva tat-tfal ta' l-iskola u l-istudenti;

      (iii) il-ġarr tas-suldati u l-familji tagħhom bejn l-Istat ta' l-oriġni u ż-żona tal-kwartieri tagħhom.

   Il-fatt li servizz speċjali jista' jkun varjat skond il-bżonnijiet ta' l-utenti ma għandux jeffettwa l-klassifikazzjoni tiegħu bħala servizz regolari.

4. L-applikazzjoni għandha ssir lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu jitlaq is-servizz, jiġifieri wieħed mit-termini tas-servizz.

5. Il-perjodu massimu tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni huwa ta' ħames snin.

▼B

L-ANNESS IV

(L-ewwel paġna ta' l-awtorizzazzjoni)

(Karta roża – A4)

Għandha tiġi ffurmulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-garrier ta' l-istabbiliment

L-ISTAT TA' ĦRUĠ
– Is-sinjal distintiv internazzjonali – (1)

L-awtorità kompetenti

. . . . . .

AWTORIZZAZZJONI Nru ...

għal servizz regolari (2)

għal servizz regolari speċjali mhux liberalizzat

li jsir bil-kowċ u bix-xarabank bejn Stati Membri skond ir-Regolament (KEE) Nru 684/92

għal: . . . . . .
(Il-kunjom, l-isem u l-isem tad-ditta tal-garrier jew tal-garrier maniġerjali fil-każ ta' assoċjazzjoni ta' intrapriżi *(pool)*)

. . . . . .

Indirizz: . . . . . Tel. u fax: . . . . . .

Isem, indirizz, numri tat-telefon u fax tas-soċji jew membri ta' l-assoċjazzjoni ta' l-intrapriżi *(pool)* u sotto-kuntratturi:

(1) . . . . . .

(2) . . . . . .

(3) . . . . . .

(4) . . . . . .

(5) . . . . . .

Il-lista mehmuża, jekk ikun il-każ

Id-data ta' l-għeluq ta' l-awtorizzazzjoni: . . . . . .

. . . . . .
(Il-post u d-data tal-ħruġ).

. . . . . .
(Il-firma u t-timbru ta' l-awtorità jew l-aġenzija ta' ħruġ)

(1) L-Awstrija (A), il-Belġju (B), id-Danimarka (DK), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Greċja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), il-Lussemburgu (L), l-Olanda (NL), il-Portugall (P), Spanja (E), l-Isvezja, ir-Renju Unit (UK) ►(1), ir-Repubblika Ċeka (CZ), l-Estonja (EST), Ċipru (CY), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), l-Ungerija (H), Malta (M), il-Polonja (PL), is-Slovenja (SLO), is-Slovakkja (SK), ◄ ►(2) (BG) Bulgaria, (RO) Rumanija ◄

(2) Ħassar fejn ma jgħoddx.

►(1) **A1**

►(2) **M1**

▼B

(it-tieni paġna ta' l-awtorizzazzjoni Nru …)

1. Ir-rotta

   (a) Il-post tat-tluq tas-servizz: .....

   (b) Il-post tal-wasla tas-servizz: .....

   (ċ) L-itinerarju prinċipali, bil-postijiet sottolinjati mnejn jitrikkbu u jitniżżlu l-passiġġieri: .....

   .....

   .....

   .....

   .....

2. Il-perjodu tal-ħidma: .....

   .....

3. Il-frekwenza: .....

4. L-iskeda taż-żmien: .....

5. Is-servizz regolari speċjali:

   – Il-kategorija tal-passiġġieri: .....

6. Kondizzjonijiet oħra jew punti speċjali:

   .....

   .....

   .....

   .....

   .....

   .....

.....
(Timbru ta' l-awtorità li qed toħroġ l-awtorizzazzjoni)

▼B

(It-tielet paġna ta' l-awtorizzazzjoni)

Għandha tiġi iffurmultata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment tal-ġarrier

Avviż importanti

1. Din għandha tkun valida għall-vjaġġ kollu kemm hu. Din ma tistax tintuża minbarra minn parti li isimha jidher imniżżel fuqha.

2. L-awtorizzazzjoni jew kopja awtentikata mill-awtorità ta' hruġ għandha tinżamm fil-veikolu sakemm idum il-vjaġġ u għandha tintwera malli tintalab minn uffiċjali tal-liġi.

3. Kopja awtentikata tal-liċenzja Komunitarja għandha tinżamm fuq il-vettura.

▼B

L-ANNESS V

(L-ewwel paġna taċ-ċertifikat)

(Karta safra – A4)

Għandha tiġi ffurmulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-garrier ta' l-istabbiliment

L-ISTAT TA' ĦRUĠ
– Is-sinjal distintiv internazzjonali – (1)

L-awtorità kompetenti

. . . . . .

IĊ-ĊERTIFIKAT

maħruġ għal ħidmiet ta' trasport indipendenti bil-kowċ u bix-xarabank bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 684/92

(Parti għall-persuna jew għall-entità li tkun qiegħda tagħmel ħidmiet ta' trasport indipendenti)

Is-sottoskritt: . . . . . .

responsabbli mill-intrapriża, korp bla qligħ jew xi ħaġa oħra (iddeskrivi)

. . . . . .
(Il-kunjom u l-isem jew l-isem kummerċjali tal-garrier, l-indirizz sħiħ)

jiċċertifika li:

– is-servizz ta' trasport provdut huwa bla qligħ u mhux kummerċjali,

– it-trasport huwa biss attività anċillari għall-persuna jew għall-entità,

– in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kowċ u tax-xarabank . . . . . huwa l-proprjetà tal-persuna jew ta' l-entità jew inkiseb minnhom bid-dejn jew huwa s-suġġett ta' kuntratt ta' kiri fit-tul,

– il-kowċ jew ix-xarabank jinsaq minn membru tal-persunal tas-sottoskrit jew ta' l-entità jew mis-sottoskritt innifsu.

. . . . . .
(Firma tal-persuna jew tar-rappreżentant ta' l-entità)

(Il-parti ta' l-awtorità kompetenti)

Din tikkostitwixxi ċertifikat fis-sens ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 684/92.

. . . . . (Il-perjodu tal-validità)

. . . . . (Il-post u d-data tal-ħruġ)

. . . . . (Il-firma u t-timbru ta' l-awtorità kompetenti)

(1) L-Awstrija (A), il-Belġju (B), id-Danimarka (DK), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Greċja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), il-Lussemburgu (L), l-Olanda (NL), il-Portugall (P), Spanja (E), l-Isvezja, ir-Renju Unit (UK) ►(1), ir-Repubblika Ċeka (CZ), l-Estonja (EST), Ċipru (CY), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), l-Ungerija (H), Malta (M), il-Polonja (PL), is-Slovenja (SLO), is-Slovakkja (SK), ◄ ►(2) (BG) Bulgaria, (RO) Rumania ◄

►(1) **A1**

►(2) **M1**

▼B

(It-tieni paġna taċ-ċertifikat)

Għandha tiġi ffurmulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-garrier ta' l-istabbiliment

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KEE) Nru 684/92 jgħid li "ħidmiet ta' trasport indipendenti huma ħidmiet ta' trasport magħmulin għal raġunijiet mhux kummerċjali u għal skopijiet mhux ta'profitt minn persuna naturali jew legali, bil-kondizzjoni li:

   – it-trasport ikun biss attività anċillari għall-persuna naturali jew legali;

   – il-vetturi użati jkunu l-propjetà ta' dik il-persuna naturali u legali u jkunu nkisbu fuq ħlas bin-nifs minnhom jew ikunu suġġetti għal kuntratt fit-tul ta' kiri jew ikunu misjuqa minn membru ta' l-istaff tal-persuna naturali jew legali jew mill-persuna naturali nnfisha".

2. Ġarriera li jaħdmu għal rashom huma liċenzjati sabiex jaġħmlu kwalunkwe tip ta' ħidma ta' trasport bla diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità jew il-lokal ta' l-istabbiliment sakemm dawn:

   – ikunu awtorizzati fl-Istat ta' l-istabbiliment biex jidħlu għal trasport bil-kowċ u bix-xarabank bil-kondizzjonijiet ta' aċċess fis-suq stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali;

   – jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-sigurtà fit-toroq safejn għandhom x'jaqsmu n-normi għas-sewwieqa u l-vetturi.

3. Il-ħidmiet tat-trasport indipendenti kif imsemmi fil-punt 1 huma eżenti mill-awtorizzazzjoni iżda huma suġġetti għas-sistema taċ-ċertifikati.

4. Iċ-ċertifikat jagħti jedd lid-detentur biex jaġħmel xogħol ta' trasport internazzjonali bil-kowċ u bix-xarabank għal-rasu. Dan jinħareġ mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-vetturi jkun rreġistrat u jkun validu għal vjaġġ kollu kemm hu, li jinkludi kwalunkwe vjaġġ ta' transitu.

5. Il-partijiet rilevanti ta' dan iċ-ċertifikat għandhom jimtlew b'ittri indelibbli fi tripliċi mill-persuna jew ir-rappreżentant ta' l-entità li tkun taħmel l-operazzjoni jew mill-awtorità kompetenti. Għandha tinżamm kopja waħda mill-amministrazzjoni u kopja waħda mill-persuna jew l-entità. Is-sewwieq għandu jżomm l-oriġinal jew kopja awtentikata fil-vetturi sakemm idum il-vjaġġ internazzjonali. Din għandha tiġi ppreżentata lill awtoritajiet tal-liġi malli tintalab. Il-persuna jew l-entità, kif ikun il-każ, tkun responsabbli għaż-żamma taċ-ċertifikati.

6. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi sa massimu ta' ħames snin.

▼B

L-ANNESS VI

IL-KOMUNIKAZZJONI MUDELL

Imsemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 12/98 tal-11 ta' Diċembru 1997 tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom il-garriera mhux residenti jistgħu jħaddmu servizzi ta' trasport tal-passiġġieri nazzjonali fit-toroq fi Stat Membru.

Il-ħidmiet ta' trasport bil-kabotaġġ li jkunu saru ..... (fit-trimensi) ..... (fis-sena)

mill-garriera stabbiliti fil- ..... (isem ta' l-Istat Membru)

▶[1] Host Member State	Number of passengers		Number of passengers — km	
	Type of services		Type of services	
	Special regular	Occasional	Special regular	Occasional
B				
CZ				
DK				
D				
EST				
GR				
E				
F				
IRL				
I				
CY				
LV				
LT				
L				
H				
M				
NL				
A				
PL				
P				
SLO				
SK				
FIN				
S				
UK				
Total cabotage				◀

▶(1) M1